# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa 1 ta' Frar, 2023

Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta\` **Mandat ta\` Inibizzjoni Numru 30/2023ISB** fl-ismijiet :

**Martin James (KI: 379976M)**

**vs**

**Trevor Mamo (KI: 296185M)**

**Il-Qorti** :

Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fit-12 ta' Jannar 2023 fejn, għar-raġunijiet hemm indikati, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex iżżomm lill-intimat Trevor Mamo milli :

> *...jikkostruwixxi l-binja tiegħu skont l-applikazzjoni li kien intavola mal-Awtorita tal-Ippjanar Nru. PA06989/21 fejn huwa qed jitlob il-permess li jibni l-arja sovrastanti l-garaxx Nru. 17, Triq l-arkata Sqaq Athlone, sabiex l-esponent ma jsofrix danni u preġudizzju rriversabbli*

u dan għar-raġunijiet u l-premessi magħmula, ċioe\`:

*Illi huwa ko-propjetarju flimkein ma' hutu u ommu tal-kamra f' binja numru 169 (gia 163) Flat 02, Triq l-Arkata, Rahal Gdid pero attwalment qed jaghmel uzu minnha hu.*

*Illi l-intimat intavola applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar Nru. PA06989/21 fejn huwa qed jitlob l-permess li jibni l-arja sovrastanti l-garaxx Nru.17 Triq l-Arkata Sqaq Athlone.*

*Illi, l-esponent flimkien mal-ko-propjetarji l-ohra ghandhu servitu fuq l-arja ta' dan il-garaxx kif jirrizulta minn kuntratt redatt quddiem in-nutar Erton Buhagiar tas-06 ta' Lulju 2017 f'pagna 13 paragrafu 6 tad-dokument 46b li qed jigi ezebit bhala Dok A. Inoltre, jekk il-kostruzzjoni jsir skond kif previst skont l-applikazzjoni tal-intimat il-binja tigi tappoggja mal-kamra tieghu b'mod li talaqlu ghall kollox l-access tieghu ghall-kamra. Dan jirrizulta wkoll mill-pjanta tal-perit Ivan Bondin, annessa bhala Dok B, fejn il-binja hija senjalata bl-ahmar u l-kamra tal-mittenti hija ndikata bil-kliem 'third party' u l-bieb tal-kamra tal-esponent hija senjalata bl-ahdar.*

*Illi, in oltre, kif qed jigi spjegat, li l-unika access tal-appellant ghall kamra tieghu li tinstab sovrastanti garaxx ta' l-istess appellant cioe garaxx nru. 16, Sqaq Athlone, Rahal Gdid, huwa mit-tarag li jaghti ghall-fuq l-arja mertu ta' dan l-appell. Ghalhekk, jekk tinbena din l-arja l-unika access li l-appellant ghandu se jkun imbarrat u ma jkunx jista' jidhol fi hwejgu, hekk kif jirrizulta mill-anness Dok A. Kid jidher car f'dan id-dokument hemm immarkat bl-ahdar il-kamra tal-appellant, u immarkat bl-isfar hemm l-arja mertu ta' dan l-appell fejn ser tinbena l-kamra, li ser tappogja mal-binja tal-appellant u allorra, kif diga spjegat, ser tinghalaqlu l-access. Dan jirrizulta wkoll minn dokument 12b li ezebixxa l-istess Trevor Mamo, pero b'mod malezjuz ma mmarkax li hemm il-bieb tal-appellanti. Ghall kull buon fini, l-appellant qed jimmarka bl-ahdar, fuq l-istess document 12b, fejn jinstghab il-bieb tieghu.*

*Illi l-esponenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur.

Rat id-**digriet** tagħha tat-12 ta' Jannar 2023, fejn laqgħet it-talba tar-rikorrent b'mod provviżorju, ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat bi żmien prefiss biex iwiegeb u fejn appuntat ir-rikors għas-smigh ghall-udjenza tat-23 ta' Jannar 2023.

Rat li l-intimati kienu debitament notifikati.

Rat ir-**risposta** tal-intimati pprezentata fl-20 ta' Jannar 2023, fejn talab lil din il-Qorti sabiex ticħad it-talbiet tar-rikorrent għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza miżmuma u rat illi r-Rikors tħalla għal provvediment *in camera*, kif qed isir illum.

**Ikkunsidrat**:

Illi kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata tar-rikorrent, huwa wieħed mill-ko-propjetarji f'binja numru 169 (ġia 163), Flat 2, Triq l-Arkata, Paola li attwalment qed tintuża minnu.

Ir-rikorrenti jikkontendi li permezz tal-applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar Nru PA06989/21, l-intimat talab l-permess sabiex jibni l-arja sovrastanti l-garaxx Nru. 17, Triq l-Arkata, Sqaq Athlone, fir-rigward ta' liema arja igawdi servitu`. Oltre` minn hekk, jgħid li jekk kemm -il darba ssir tali kostruzzjoni, il-binja tiġi tappoġġja mal-kamra tiegħu b'mod li jingħalaq l-aċċess għall-istess kamra biex igawdi s-servitu' tiegħu. Jispjega li l-unika aċċess li għandu għall-imsemmija kamra li tinsab sovrastanti l-garaxx numru 16 li japparjeni lir-rikorrent huwa mit-taraġ li jisbokka fl-arja mertu ta' dan il-mandat u għalhekk jekk kemm -il darba tinbena ser ikun qed jiġi mharbat l-istess aċċess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**:

Illi minn naħa tiegħu l-**intimat Trevor Mamo** jikkontendi li t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda, ghaliex ir-rikorrent ma preżenta l-ebda prova dwar it-titolu tiegħu fuq il-propjetajiet imsemmija u d-drittijiet naxxenti li allegatament ser jiġu preġudikati. Jispjega li l-permess li jġib in-numru PA/06989/21 ġie filfatt approvat mill-awtorita kompetenti u huwa eżegwibbli u l-unika raġuni għala ma bediex ix-xogħol huwa li hemm kwistjonijiet li għad iridu jiġi sorvolati inkluż il-bini ta' kamra mingħajr permess li tisporġi fuq l-arja tal-propjeta tal-intimat.

Isostni li t-talba rikorrenti hija waħda intempestiva stante li kellu rimedju disponibbli għalih quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, li għalkemm issottometta appell naqas milli jitlob is-sospensjoni tal-istess permess.

Jispjega li r-rikorrenti qiegħed jiżgwida l-Qorti billi jħallat żewġ kwistjonijiet separati minn xulxin, l-ewwel waħda tikkonċerna is-servitu` tal-inxir favur l-inkwilini tal-kerrejja numru mija tlieta u sittin (163) fi Triq l-Arkata, Raħal Ġdid fuq tal-intimat flimkien mal-garaxxijiet numri tmintax (18), dsatax (19) u għoxrin (20), u t-tieni tikkonċerna kamra mibnija abusivament u klandestinament fuq l-arja tal-garaxx numru sittax (16), liema kamra r-rikorrenti jikkontendi li hija propjeta` tiegħu u/jew użata minnu u li tisporġi fuq il-propjeta` tal-intimat.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni din diġa` ġiet sorvolata qabel il-ħruġ tal-permess billi s-servitu` ser jibqa' eżistenti fuq il-binja l-ġdida, mentri fir-rigward tat-tieni kwistjoni l-kamra in kwistjoni hija moqdija b'servitu ta' passaġġ li jagħti fuq wara

tal-istess kamra u mhux mill-arja tal-propjeta` tal-intimat, liema kamra hija soġġetta għall-investigazzjoni tad-Direttorat tal-Konformita u l-Infurzar.

Isostni li r-rikorrenti ma ppreżenta l-ebda prova *prima facie* li għandu tali drittijiet jew titolu fuq il-propjetajiet relattiva. Oltre` minn hekk, ma ġiet ippreżentata l-ebda prova li r-rikorrent qiegħed f'periklu li jsofri xi preġudizzju irrimedjabbli jew xi prokura sabiex jippreżenta l-interess tal-inkwilini tal-kerreja numru mija tlieta u sittin (163).

**Ikkunsidrat Ulterjorment**:

Illi skond l-**Artikolu 873(1) tal-Kap12**, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skond l-**Artikolu 873(2) tal-Kap12**, il-Qorti m`għandhiex toħrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent '*prima facie*' jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) joħorgu żewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

1) fl-ewwel lok, irid juri li l-mandat huwa meħtieg sabiex jitħarsu jeddijiet li qed jippretendi li għandu; u

2) fit-tieni lok, irid jipprova li *prima facie* għandu dawn il-jeddijiet.

Appuntu dwar il-prova *prima facie* tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`[1]** qalet hekk:

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

L-elementi li jwasslu ghall-ħrug tal-Mandat huma kumulativi u mhux alternativi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed mill-elementi ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħrug tal-Mandat mitlub. Huwa ukoll riaffermat li l-proċedura tal-lum hija mahsuba biex tkun waħda sommarja.

Il-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug tal-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun

[1] 14 ta` Lulju 1988, (Kollez. Vol. LXXII.II.290)

micħud, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Unikament ghall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu.

Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li mad-"*daqqa t`ghajn*" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

Finalment irid jiġi preċizat ukoll illi l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali. Għalhekk ma jistax ikun hemm il-hruġ tal-Mandat jekk il-ħsara li minnha r-rikorrent ikun qiegħed jilmenta tkun tista` tiġi rimedjata mod ieħor.

Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.

Dan kollu magħdud, il-Qorti **ikkunsidrat ulterjorment**:

Jirriżulta li t-talba għall-ħruġ tal-mandat mir-rikorrenti saret fuq żewġ drittijiet li r-rikorrent allegatament għandu u ċioe: (1) is-servitu` tal-inxir fuq l-arja sovrastanti l-garaxx numru sbatax (17) li jappartjeni lill-intimat u (2) id-dritt t'aċċess li għandu mill-istess arja għall-kamra li tinsab sovrastanti l-garaxx numru sittax (16), liema drittijiet ser jiġu preġudikati jekk kemm -il darba l-intimat jiżviluppa l-imsemmija arja ai termini tal-permess tal-iżvilupp bin-numri PA6989/21.

Jirriżulta li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt li s-servitu` tal-inxir u kemm il-kamra imsemmija qed jintużaw mir-rikorrenti. Lanqas ma hemm kontestazzjoni dwar l-eżistenza tas-servitu` tal-inxir li jirriżulta wkoll b'mod ċar u inekwivoku mill-kuntratt (esebit in atti) fl-atti tan-Nutar Dottor Ayrton Buhagiar tas-6 ta' Lulju 2017 li fil-paragrafu numru 6 tal-paġna 13 jgħid testwalment hekk:

> *"6. Dan il-garage qieghed jinbiegh bil-arja tieghu, pero l-istess arja hija soggetta ghas-servitú tal-inxir favur l-inkwilini tal-kerrejja numru mija tlieta u sittin (163) fi Triq l-Arkata, Paola, liema inkwilini għandhom id-dritt jonxru fuq l-arja ta' dan il-garage u tal-garages kontigwi bin-numri tmintax (18), dsatax (19) u għoxrin (20)."*

L-intimat minn naħa tiegħu jikkontendi li s-servitu` mhux ser jiġi mittiefes bl-iżvilupp propost u approvat mill-Awtorita tal-Ippjanar u dana stante li kif jirriżulta mill-pjanti esebiti, d-dritt tal-inxir ser jibqa' in vigore fuq l-arja l-ġdida li ser tkun sovrastanti l-imsemmi żvilupp.

Il-Qorti tosserva l-artikolu 474 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid testwalment hekk:

> ***474**.(1) Is-sid tal-fond serventi ma jista' jagħmel xejn li jista' jnaqqas l-użu tas-servitù jew li jagħmel li dan l-użu jkun ta' xkiel akbar. Hu ma jistax ibiddel il-kondizzjoni tal-fond, lanqas ma jista' jiddestina għall-eżerċizzju tas-servitù parti oħra tal-fond diversa minn dik li fiha s-servitù kienet ġiet stabbilita fil-bidu.*
> *(2) Iżda, jekk l-eżerċizzju tas-servitù fil-parti jew fuq il-parti tal-fond li fil-bidu tkun ġiet iddestinata jsir ta' xkiel akbar għas-sid tal-fond serventi, jew jekk dan is-sid ma jkunx jista' minħabba dan l-eżerċizzju jagħmel xogħlijiet, tiswijiet jew miljoramenti fil-fond tiegħu, hu jista' joffri lil sid il-fond dominanti parti oħra xorta waħda tajba għall-eżerċizzju tas-servitù, u dan ma jistax jirrifjutaha.*
> *(3) It-tibdil tal-parti tal-fond iddestinata għall-eżerċizzju tas-servitù jista' wkoll isir fuq talba tas-sid tal-fond dominanti, jekk hu jipprova li dan it-tibdil huwa għalih ta' ġid kbir, u ma hu ta' ebda ħsara għall-fond serventi.*

F'dan ir-rigward, tosserva wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Giuseppe Muscat et vs Giuseppe Bugeja et**, deċiża fis-16 ta' Novembru 1956, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *Illi dina l-kwistjoni tiddependi minn kif għandu jiġi interpretat l-art 511 (illum 474) tal-Kodiċi Ċivili...*
> *Dina d-dispożizzjoni hija ispirata mill-ekwita` u speċjlament mill-prinċipju illi "quod tibi non nocet et alteri prodest, faciedum est". U Pacifici Mazzoni, fil-kumment tiegħu ta' l-art. 645 tal-Kodiċi Ċivili Taljan, simili għall-artikolu tagħna fuq miġjub, jgħid li dik id-disposizzjoni "e diretta a proteggere l'interesse generale del miglioramento dell'agricoltura e della proprieta` urbana, che potrebbe essere impedito o reso piu difficili e costose dal mantenimento della servitu nel suo stato originario (Servitu Prediali, para. 131);*
>
> *Illi, pero, biex tista sseħħ id-disposizzjoni eċċezzjonali fuq miġjuba, hemm bżonn li jirrikorru żewġ kondizzjonijiet, jiġifieri (1) illi l-eżerċizzju tas-servitu` fil-lok oriġinarju jirrendi dik is-servitu` aktar oneruża, jew li jimpedixxi lil sid il-fond serventi li jagħmel fiħ xogħolijiet, tiswijiet jew miljoramenti, u (2) illi l-fond dominanti ma jiġix preġudikat mit-tibdil tal-lok għall-eżerċizzju tas-servitu`;*

*Kwantu għall-ewwel kondizzjoni, il-liġi ma tindikax ix-xogħolijiet u l-miljoramenti rikjesti mis-sid tal-fond serventi; u għalhekk dawn jistgħu jkunu ta' kwalunkwe natura u entita, basta li jikkostitwixxu għal dak is-sid interes suffiċjenti. Jgħid a propożitu Pacifici Mazzoni: "Quanto all'impendimento di far lavori, opere e miglioramenti nel fondo gravato di servitu.... la detta facolta compete per qualsiasi specie di lavori che il proprietario del fondo serventi vi voglia fare, e per qualsiasi specie di reparazioni di cui quello abbisogni, e per qualunque specie di miglioramenti che presentino un conveniente interesse, acciocche sia legittimato l'eccezzionali diritto" (Servitu Prediali, para 131, paġ. 230)*

*Illi minn dana jidher illi, meta jirrikorru l-kondizzjonijiet preskritti mill-liġi, sid il-fond serventi ma għandux bżonn tal-kunsens ta' sid il-fondi dominanti biex jagħmel l-imsemmija alterazzjoni; u difatti, l-art. 511, fuq riprodott, jikkonkludi illi s-sid tal-fond dominanti ma jistgħax jirrifjuta dak it-tibdil."*

Il-Qorti tosserva wkoll l-insenjament ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Theresa Schembri et vs Bartholomeo sive Bertu Camilleri et** deċiża fis-16 ta' Ġunju 2003 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

*Dan hu certament provvediment eccezzjonali u biex jirrikorri hemm bzonn li jigi provat minn sid il-fond serventi: (i) illi l-ezercizzju tas-servitu` fil-lok originarju jirrendi dik is-servitu` aktar oneruza jew jimpedih milli jaghmel ix-xoghlijiet, tiswijiet jew miljoramenti mehtiega, u (ii) illi l-fond dominanti ma jigix pregudikat mittibdil tal-lok ghall-ezercizzju tas-servitu`;*

*Eppure, anke biex tinghata risposta wkoll lill-kontenzjoni tal-konvenuti, kif ammoniet il-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni taghha tas-16 ta' Novembru 1956 fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Muscat –vs- Giuseppe Bugeja et", "il-proprjetarju tal-fond serventi ma jistax jezercita minn rajh it-tibdil tal-passagg minghajr ma jinterpella lill-proprjetarju tal-fond dominanti u, fil-kaz li dan jirrifjuta li jaghti l-kunsens tieghu ghal dak it-tibdil, minghajr ma jirrikorri lill Qorti biex ibiddel il-post originarju tas-servitu` (Demolombe, Cir. Civ. Tom. XII, n. 902). Il-ligi, meta tippermetti lill-proprjetarju tal-fond serventi li "jofri" lill-proprjetarju tal-fond dominanti post ugwalment komodu ghall-ezercizzju tas-servitu`, u meta tivvjeta lil dan ta' l-ahhar li "jirrifjuta" dik l-offerta fil-kazi mill-*

> *istess ligi preveduti, evidentement timponi lill-proprjetarju tal-fond serventi li jottjeni ghal dak it-tibdil il-kunsens tal-proprjetarju tal-fond dominanti, u, f'kaz ta' opposizzjoni, lawtorizazzjoni tal-Qorti, u tivvjetalu li jispolja lill-vicin mill-pussess tas-servitu`(Kollez. Vol. XV p 400).";*
>
> *Hekk ukoll messhom agixxew il-konvenuti u mhux jippretendu issa per via di eccezzjoni jew ta' difiza illi l-atturi jakkweitaw ruhhom ghal fatt kompjut, jew addirittura li l-Qorti tinjora l-abbuz taghhom u tippremja l-att spoljattiv taghhom bis-semplici akkoljiment tar-regola eccezzjonali mil-ligi kontemplata;*
>
> *Il-konvenuti jistghu jippretendu b'argoment illi l-atturi ma waqqfuhomx fil-kors tal-kostruzzjoni u ma hadu l-ebda azzjoni spoljattiva. Tali argoment, jekk dedott, ma jista' jkollu l-ebda aditu jew fondament guridiku fir-rigward tas-servitu` ezistenti. Ghax kif ammess fil-gurisprudenza taghna, "secondo leggi moderni ed antiche non importa rinunzia ad una servitu` la sola scienza del proprietario del fondo dominante della costruzione nel fondo servente di un opera contraria alla servitu` nello stess costituita e ne` importa rinunzia il silenzio da lui serbato durante tale costruzione." (Vol. XVI P I p 90);*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, ma jirriżulta bl-ebda mod li l-intimat ottejna l-kunsens tar-rikorrenti, jew fin-nuqqas tiegħu, l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jimmodifika s-servitu` eżistenti. Isegwi għalhekk li ċertament li r-rikorrenti għandu d-dritt li jissalvagwardja d-drittijiet tiegħu vis-a-vis is-servitu` tal-inxir li jirriżulta mill-kuntratt fuq ċitat u li fuq kollox dwaru mhemmx kontestazzjoni.

Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li jinkorri d-dritt *prima facie* ai termini tal-Artikolu 873(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

### Ikkunsidrat Ultejrorment:

Stabbilit li jinkorri l-element ta' dritt *prima facie* jonqos issa li l-Qorti teżamina jinkorrix ir-rekwiżit ta' preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrent jekk kemm -il darba dan il-mandat ma jintlaqax.

Il-Qorti tqis illi una volta ppruvat il-jedd *prima facie*, ikun, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inopportun illi jiġi miċħud il-Mandat bil-konsegwenza illi l-insenjament hawn fuq ċitat jiġi mormi mit-tieqa.

Jirriżulta li jekk kemm -il darba l-intimat jipproċedi bl-iżvilupp tal-arja tal-garaxx numru sbatax (17) ai termini tal-Permess bin-numru PA06989/21, m'hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li s-servitu` tal-inxir ser jiġi mittiefes bil-konsegwenza li ma jkunx jista` jiġi represtinat fl-istat li hu llum. U dana oltre mill-fatt li *dato ma non concesso* li r-rikorrenti ser igawdi xorta d-dritt li jonxor fuq il-binja l-ġdida, la darba tibda l-kostruzzjoni d-dritt li jgawdi r-rikorrenti ser jiġi sospiż sakemm dik il-binja titlesta.

B'hekk il-Qorti hija sodisfatta wkoll li jinkorri l-element ta' preġudizzju irrimedjabbli rikjest sabiex dan il-mandat jiġi akkordat.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi **tilqa'** it-talba għall-ħrug tal-Mandat kif mitlub b'mod definittiv.

Spejjeż ta' din il-proċedura a karigu tal-intimat.

Mogħti *in camera* illum, l-Erbgħa l-1 ta' Frar, 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**